MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Talba Numru. 1196/2005

**Aplan Limited (C2450)**

**vs**

**3 You Design Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija u disghin Lira Maltin (LM590.00) rapprezentanti bilanc dovut ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinjata lilha.

Bl-Imghax legali u bl-ispejjez legali komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 21 ta' Frar, 2005 kontra s-socjeta' konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta mis-socjeta' konvenuta fejn gie sollevat illi t-talbiet attrici qed jigu kkontestati ghar-ragunijiet segwenti:

Illi fl-ewwel lok it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artiklu 2148 (b) tal-Kodici Civili (Kap 16);

Illi fit-tieni lok u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut u kif jista' jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza;

Ra d-dokumenti ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Ra x-xhieda ta' Lino Apap;

Ezamina n-Nota ta'sottomissjonijiet da parti mis-socjeta' attrici kif ukoll in-Nota risponsiva mis-socjeta' konvenuta dwar eccezzjoni tal-preskrizzjoni.
a bazi tal-Artiklu 2148 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza titratta dwar bejgh mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta ta' *white goods* fit-30 ta' Settembru, 2002 u fil 15 ta' April, 2003. Illi s-socjeta' konvenuta eccepixxiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2148 (b) u cioe' li dan kien bejgh bl-imnut u li ghalih jezisti t-terminu statutorju preskrittiv ta' tmintax-il xahar u li dan it-terminu ghadda.

Fin-Nota ta' sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni s-socjeta' attrici tghid illi hija tbiegh bl-ingrossa u li mid-dokumenti ezebiti johorgu cari il-kartateristici ta' bejgh bl-ingrossa u mhux bejgh bl-imnut u li ghalhekk il-perjodu preskriitv invokat ghadu ghaddej. Is-Socjeta' konvenuta qed tibbaza l-eccezzjoni taghha fuq il-perjodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar u cioe' li dan huwa bejgh bl-imnut u li jaqa' that l-artiklu 2148(b).

Illi l-kaz in kwistjoni jirrigwarda konsenja ta' *appliances* mibjugha lis-socjeta' konvenuta izda kkonsenjata lil terzi. Fil-kawza 'Thomas Abela vs Saviour Camilleri deciza 8/5/98', il-Qorti ddecidiet illi n-natura ta' bejgh bl-ingrossa ma tikkonvertix ruhha f'bejgh bl-imnut minhabba li l-konsenja tal-oggetti ma ssirx f'daqqa, imma huwa n-

negozju globali li jiddetermina that liema kategorija ghandu jigi klassifikat il-bejgh.’

M’hemmx dubju illi kemm is-socjeta’ attrici kif ukoll is-socjeta’ konvenuta huma socjetajiet kummercjali. It-Tribunal irrikorra lil-Malta Financial Services Authority fejn ra kopja tal-Istatut tas-socjeta’ attrici kif ukoll tas-socjeta konvenuta. Fir-rigward tas-socjeta’ attrici din hija socjeta’ importattrici bil-jedd illi tbejgh bl-ingross kif ukoll b-imnut. Fir-rigward tas-socjeta’ konvenuta din is-socjeta’ ghandha l-ghan li taghmel *turnkey projects* kif ukoll skond Art 4(e) tal-Istatut tas-socjeta’ konvenuta li jghid illi fost affarijiet ohra 3 You Design Limited ghandha l-ghan ‘ to construct, design, renovate, alter, improve, decorate, enlarge, pull down and remove or replace, furnish and maintain buildings of every description including, houses, flats, apartments …..”

Huwa ndiskuttibli illi l-materja in diskussjoni gja giet dibattuta bosta drabi mill-Qrati taghna.

Mill-provi prodotta jirrizulta li l-bejgh sar fit-30 ta’ Settembru, 2002 u 15 ta’ April, 2004. Jidher illi xi pagament kien sar fil-frattemp izda ma giet imressqa ebda prova sabiex tikkonferma meta sar xi hlas u l-anqas ma giet imressqa ebda prova ohra biex tittanta tipprova li l-perjodu ta’ preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar gie interott.

Fil-kawza Michael Fenech nomine vs Piu Camilleri Appell Civili 18.01.93 ‘ dak li jiddetermina n-natura tal-konsenja, cioe’ jekk huwiex bejgh bl-imnut jew bl-ingrossa huwa n-negozju partikolari li jkun sar u partikolarment l-ammont involut. In fatti skond il-Ligi taghna kif inhi huwa possibli li bejgh bl-imnut isir minn grossist ukoll bhal ma huwa possibbli li d-dettaljatur f’certi cirkostanzi jbiegh bl-ingrossa. Fi kliem iehor il-gurisprudenza taghna tghallimna li fl-Artiklu 2148 (b) tipprexxindi mill-kwalita’ tal-persuni u thares biss lejn il-vendita’ partikolari in kwistjoni ‘per se.’

Fil-kaz in ezami jidher illi nxtraw tlett *appliances* li ma gewx ikkonsenjati l-ufficju registrat tas-socjeta’ konvenuta

izda gew konsenjati lil terza persuna. " Illi huwa minnu li fil-kaz ta' bejgh bl-imnut, normalment il-kwantita' tkun zghira, pero' fil-fehma tal-Qorti in-natura tal-vendita tkunx bl-ingrossa jew bl-imnut ghandha izjed tigi ddeterminata mill-fatt jekk il-bejgh sarx lill-konvenut ghalih stess bhala konsumatur jew sarx lill-konvenut biex dan jerga' jbiegh l-oggett lil terzi ghal konsum taghhom." Appell 18.01.93.

Illi fil-kaz odjern kienu saru zewg konsenji ta' *appliances* f'zminijiet diversi. Illi ghalkemm l-konsenji saru lil terzi ma ngiebet ebda prova ohra dwar dan it-tip ta' bejgh. Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma dan il-bejgh kien bl-imnut u ghalhekk l-azzjonijiet imsemmija jaqghu taht il-preskrizzjoni bl-eghluq tmintax-il xahar skond l-Artiklu 2148 (b) u mhux skond l-Artiklu 2156 (f) bl-eghluq ta' hames snin u ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jghid illi l-azzjoni hija effettivament preskritta.

Bejn bejgh bl-ingrossa u bejgh bl-imnut jezisti fattur iehor u dak ta' prezz. Normalment il-prezz ta' grossista huwa inqas mil-prezz indikat mid-dettaljatur u fil-kaz in ezami jidher illi s-socjeta' konvenuta kienet inghatat skont konsiderevoli izda dan il-fattur wahdu m'ghandux jiddetermina li dan il-bejgh kien bl-ingrossa ghaliex fl-ambitu kummercjali issib hafna stabbilimenti li jbejghu b'prezz baxx u din hija kwistjoni ta' *sales marketing'* tal-prodotti.

"In teorija, il-kriterju distintiv bejn il-grossista u d-dettaljatur huwa illi l-grossista jbiegh lil minn jinnegozja mill-haga li jixtri minn ghandu, mentri dettaljatur ibigh lill-konsumatur u fil-kwalitajiet li dawn ikollhom bzonn.'

Fil-kaz in ezami ma giex pruvat jekk is-socjeta' konvenuta xtrat biex tforni lil haddiehor izda biss li l-konsenja saret lil terzi izda din mhijiex prova bizzejjed biex jirrileva jekk setghax kien bejgh bl-ingrossa. Ghalhekk it-Tribunal qieghed jirrileva illi n-natura tal-vendita kienet f'dan il-kaz bl-imnut .

It-Tribunal,  fic-cirkostanzi jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez a karigu tas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------